# Postijiet għat-tfal fl-iskejjel tal-Knisja fl-Ewwel Sena Primarja

F'Novembru 2019 ġew ippublikati r-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2020-2021. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw għall-Ewwel Sena Primarja.

## L-Ewwel Sena Primarja Subien Mainstream

Ninfurmawkom li wara li ġie konkluż it-transfer ta' tfal mill-Kindergartens ta' St. Francis għall-Primarji ta' St. Francis jirriżulta li għandna total ta' tletin post vakanti fil-primarji ta' St. Francis ta' Bormla u tal-Imsida. Dawn jiżdiedu mal-postijiet vakanti mainstream imħabbra fir-Regolamenti u jġiebu t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena primarja subien mainstream għal tliet mija, sitta u sittin (336+30=366) post.

**It-total ta' applikanti subien tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1a Tfal mid-Djar tal-Knisja* | 1 |
| *1b Tfal tal-Impjegati fl-istess skola* | 34 |
| *1b 1f Tfal tal-Impjegati fl-istess skola u li qiegħed fi skola bla kontinwità* | 1 |
| *1ċ Aħwa* | 87 |
| *1ċ 1f Aħwa li qegħdin fi skola tal-Knisja bla Kontinwità* | 13 |
| *1f Tfal minn skola tal-Knisja bla kontinwità* | 46 |
| *1ġ Tfal tal-Impjegati fi skola oħra* | 16 |
| ***Total*** | **198** |

## L-Ewwel Sena Primarja Subien li għandhom bżonn l-Għajnuna ta' L.S.E.

In-numru ta' postijiet offruti lill-Każijiet Serji għal tfal li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa ta' 23 post.

**It-total ta' applikanti subien tal-Ewwel Kriterju li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa:**

| | |
|---|---|
| *1b Tfal tal-Impjegati fl-istess skola* | 2 |
| *1ċ Aħwa* | 15 |
| *1f Tfal minn skola tal-Knisja bla kontinwità* | 14 |
| ***Total*** | **31** |

In-numru tal-applikazzjonijiet tal-Ewwel Kriterju ta' subien li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa ikbar minn numru ta' postijiet li jistgħu joffru l-iskejjel għal dawn l-applikanti. B'dispjaċir ninfurmawkom li m'hemmx iżjed postijiet vakanti għal tfal tat-Tielet Kriterju "Applikanti Oħra" li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E.

Għandna ukoll żewġ applikazzjonijiet bħala każijiet soċjali. Għalhekk se jintlaqgħu applikazzjonijiet Każijiet Soċjali u f'każ ta' Revision of Statement għal tneħħija ta' L.S.E. (Ara r-Regolamenti para. 1.3).

**L-Ewwel Sena Primarja Bniet Mainstream**

Ninfurmawkom li wara li ġie konkluż it-transfer ta' tfal mill-Kindergartens ta' St. Francis għall-Primarji ta' St. Francis jirriżulta li għandna tnax -il post vakanti fil-primarja ta' St. Francis ta' Bormla. Dawn jiżdiedu mal-postijiet vakanti mainstream imħabbra fir-Regolamenti u jġiebu t-total ta' postijiet vakanti għall-mitejn u erbgħa u tlettin (222+12=234) post.

**It-total ta' applikanti bniet tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1a Tfal mid-Djar tal-Knisja* | 1 |
| *1b Tfal tal-Impjegati fl-istess skola* | 14 |
| *1ċ Aħwa* | 44 |
| *1ċ 1f Aħwa li qegħdin fi skola tal-Knisja bla Kontinwità* | 6 |
| *1f Tfal minn skola tal-Knisja bla kontinwità* | 60 |
| *1ġ Tfal tal-Impjegati fi skola oħra* | 1 |
| ***Total*** | **126** |

Għandna applikazzjoni tal-Impjegati għal skola li bħalissa m'għandiex post vakanti. Jekk jinħoloq post vakanti fl-iskola relevanti din tinkiteb fiha.
Tlett applikanti talbu trasferiment bejn skejjel tal-istess entità reliġjuża, Kriterju 1d. Dawn ma jitnaqqsux mit-total ta' postijiet vakanti għaliex filwaqt li se jokkupaw post fi skola se jħallu post vakanti fl-iskola fejn jattendu.

## L-Ewwel Sena Primarja Bniet li għandhom bżonn l-Għajnuna ta' L.S.E.

In-numru ta' postijiet offruti lill-Każijiet Serji għal bniet li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa ta' 12-il post.

**It-total ta' applikanti bniet tal-Ewwel Kriterju li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa:**

| | |
|---|---|
| *1ċ Aħwa* | 1 |
| *1ċ 1f Aħwa li qegħdin fi skola tal-Knisja bla Kontinwità* | 1 |
| ***Total*** | **2** |

In-numru ta' postijiet għal bniet li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa ikbar mill-applikazzjonijiet li rċevejna tal-Ewwel Kriterju. Għalhekk se nilqgħu aktar applikazzjonijiet għal bniet li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E.

**Konklużjoni**

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja**
**23 ta' Jannar 2020**

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 25906306 / 25906309
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**